MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2031/2003

**Café Bar (Malta) Limited**

**vs**

**Network Publications Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm382.08) rappresentanti kiri ta' magna tal-kafe minghand is-socjeta` attrici permezz ta' kuntratt ta' kiri;**
**Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici is-somma msemmija kwantu ghal mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm181.08) bhala sitt xhur kera tal-magna tal-kafe u kwantu ghal mitejn lira Maltija (Lm200.00) prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta;**

**Illi ghalkemm mitluba thallas s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Lino Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut kif indikat fl-avviz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm382.08) bl-imghax legali mill-15 ta' Ottubru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------